MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 47/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Axiak**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, tal-Kummissarju tal-VAT u tad-Direttur tal-Kummerc) b’att ta’ citazzjoni kontra Joseph Axiak, bin Peter u Loreta nee Xuereb, imwieled ix-Xewkija, Ghawdex, fid-19 ta’ Marzu 1948, detentur tal-Karta ta’ l-Identita` nru 27148G talli fil-31 ta’ Lulju 2000, u f’xi data qabel, f’dawn il-Gzejjer (**1**) xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu 16-il kartuna sigaretti b’mitejn sigarett kull kartuna, tal-marka Rothmans, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew jinheles minn xi limitazzjoni, u/jew filli b’xi mod jiddisponi minnhom, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 60(a)(b)(c)(e)(k) u 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(l)(k) proviso (a)

tal-Kap. 37, l-Artikoli 16(j)(l) u 17(b) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar id-Dazju tas-Sisa, l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XXIII ta’ l-1998) u l-Artikoli 7(1) u 12(1) ta’ l-Att XXXI ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali – is-sigaretti in kwistjoni, li gew maqbuda bin-nota ta’ qbid numru 8/2001, ghandhom valur ta’ Lm36, Dazju tas-Sisa Dovut Lm91.20, Taxxa fue il-Valur Mizjud Lm21.91,8 u Imposta (*levy*) ta’ Lm18.92, liema dazju, taxxa u levy ma gewx imhallsa u/jew kawtelati; u aktar (**2**) talli b’hekk huwa sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali wara li gie kkundannat ghal reati b’diversi sentenzi li saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-30 ta’ Jannar 2008 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Joseph Axiak minn kull imputazzjoni, htija w piena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fil-21 ta’ Frar 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza u li minflok din il-Qorti ssib lil Joseph Axiak hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel qorti lliberat lil Joseph Axiak – appellat odjern – ghax irriteniet li ma kienux jikkonkorru l-estremi tar-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet, u principalment fl-ewwel imputazzjoni.

Il-fatti ma hemmx kontestazzjoni dwarhom: fil-kors ta’ perkwisizzjoni li l-pulizija ghamlet kemm fil-hanut kif ukoll fir-residenza ta’ l-appellat, gew elevati (mir-residenza) 16-il kartuna sigaretti tal-marka Rothmans li kienu bla dazju. Meta l-imsemmi Axiak gie interrogat mill-pulizija, huwa stqarr li:

**“…xi tmien grossi** (sic!) **minnhom xtrajthom minghand persuna li giet il-hanut u offrietli dawn is-sigaretti bit-Lm8.00 il-grossa u dan accertani li ma kellhiex**

**problemi u allura jien xtrajthom ghall-uzu persunali tieghi. Nghid li l-ohrajn gabuhomli huti minn barra peress li ghandi huti jghixu barra…jien xtrajthom ghall-uzu personali, biex niffranka xi haga."** [1]

Din l-istqarrija l-appellat ikkonfermaha bil-gurament tieghu quddiem l-ewwel qorti fl-udjenza tad-19 ta' Lulju 2006[2].

Issa, anke jekk wiehed kellu jaccetta li nofs dawk is-sigaretti kienu gew regalati lill-appellat, b'mod legittimu, minn hutu meta dawk akkwistawhom minn xi *duty free shop* – mill-provi ma jirrizultax kemm ghandu, fis-sens bhala numru, hutu l-appellat – ghal dawk is-sigaretti l-ohra li gew akkwistati mill-idejn minghand persuna li l-appellat anqas biss kien jafha, din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif l-ewwel qorti setghet tirritjeni li ma kienux jikkonfiguraw l-estremi tar-reat taht l-Ordinanza tad-Dwana u taht l-Att dwar it-Taxxa ful il-Valur Mizjud. L-appellat certament laqa' ghandu, gie fil-pussess ta', u zamm oggetti li ma kienux hallsu dazju u ghalhekk certament jirrikorri l-element materjali tar-reat kif kontemplat fil-paragrafi (f) u (g) ta' l-Artikolu 62 tal-Kap. 37. Kwantu ghall-element morali, din il-Qorti kellha diga` l-okkazzjoni li tfisser li fir-rigward ta' l-imsemija paragrafi (f) u (g) il-kelma "xjentement" ma tfissirx semplicement li l-agent ikun konxju li qed jilqa' ghandu, izomm jew jigi fil-pussess ta' oggett partikolari, izda tfisser li hu jkun jaf, jew messu ragjonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li d-dazju fuq dak l-oggett ma kienx gie mhallas – ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Raymond Buhagiar** App. Krim. 12/9/1996; **Il-Pulizija v. Anthony Gatt u Michael Azzopardi** App. Krim. 5/3/1997. Fil-kaz in dizamina l-appellat, bhala bniedem fin-negozju, ma setax ma jkunx jaf li dawk is-sigaretti kienu oggetti li fuqhom id-dazju kien gie evaz; anzi huwa stess jistqarr li xtrahom proprju biex "jiffranka xi haga", u dak li kien qed jiffranka kien id-dazju a skapitu ta' l-erarju pubbliku. Ghalhekk f'dan il-kaz, u kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel qorti, jikkonfigura r-reat kontemplat fil-paragrafi (f) u (g) ta' l-Artikolu 62 tal-Kap. 37. Bhala

[1] Ara fol. 5 ta' l-atti.
[2] Fol. 43.

konsegwenza neccessarja, jikkonfigura wkoll ir-reat kontemplat fl-Artikolu 80 tal-Kap. 406. Ir-reati l-ohra kontemplati fl-ewwel imputazzjoni, kif ukoll ir-recidiva, ma jirrizultawx sodisfacentement pruvati.

Kwantu ghall-piena, din trid tinhadem fuq nofs il-valur ta' l-oggetti u nofs id-dazju u taxxa dovuti – dan in kwantu nofs is-sigaretti in kwistjoni qed jigu meqjusa li ma humiex kolpiti bid-disposizzjonijiet aktar l-fuq imsemmija. Inoltre kemm l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 kif ukoll l-Artikolu 80 tal-Kap. 406 gew emendati bl-Att XII ta' 2005 b'mod li nbidel il-mod kif tigi kalkolata l-multa. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi. Inoltre, japplika wkoll f'dan il-kaz il-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali dwar il-konkors tal-pieni.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni (dwar ir-recidiva) kif ukoll fejn illiberatu fir-rigward tar-reati taht l-Att XVI ta' l-1995 dwar id-Dazju tas-Sisa u taht l-Att XXXI ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok, wara li rat l-Artikoli 60(a)(b)(c)(e)(k) u 62(f)(g) proviso (a) tal-Kap. 37, l-Artikolu 80(1) tal-Kap. 406, u l-Artikoli 27 u 17(h) tal-Kap. 9, tiddikjara lill-imsemmi Joseph Axiak hati skond l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu (izda limitatament ghar-reati kontemplati fl-imsemmija paragrafi (f) u (g) ta' l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 u fis-subartkolu (1) ta' l-Artikolu 80 tal-Kap. 406) u tikkundannah multa ta' **mija u sitta u tmenin Ewro u tlieta w erbghin ewro centezmi (Euro186.43)** (ekwivalenti ghal Lm80.034), konvertibbli f'sittax-il (16) gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ghall-piena **ta' xahrejn (2) prigunerija**, b'dan li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, tordna li din is-sentenza ta' xahrejn prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' sena mil-lum, l-imsemmi Joseph Axiak jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Il-Qort spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta'

priguneriја. Fl-ahharnett, il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghas-subartikolu (8) ta’ l-imsemmi Artikolu 28A.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------